MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 509/2009

**Saviour u Carmen konjuġi Pulis**

**-vs-**

**Pietru Pawl Vella**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-27 ta’ Mejju 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi permezz ta’ skrittura datata erbgħa u għoxrin (24) ta’ Novembru elfejn u sebgħa (2007), l-esponenti krew lill-konvenuti il-fond bin-numru tmienja u sittin (68), Triq Fra Diegu, Marsa, bl-arja tal-bitha tiegħu u sottopost għal beni ta’ terzi (Dok. A).

2. Illi għalkemm debitament interpellat permezz ta’ ittra reġistrata, debitament notifikata (Dok. B), il-konvenut

naqas milli jħallas żewġ (2) skadenzi trimestrali ta' kera, u għalhekk *ai termini* ta' klawsola sebgħa (7) ta' l-iskrittura fuq imsemmija, din il-lokazzjoni spiċċat *ipso iure*, u l-esponenti jistgħu jirriprendu l-fond ħieles minn kull inkwilinat u bil-pussess battal.

3. Illi l-konvenut baqa' jokkupa dan il-fond.

Illi b'hekk jiġi illi l-konvenut għadu qed jokkupa l-imsemmi fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

Għaldaqstant l-esponenti qegħdin bil-qima jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, għar-raġunijiet fuq premessi:

1. Tipproċedi bid-dispensa tas-smiegħ skond l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

2. Tiddikjara li l-konvenut qiegħed jokkupa l-fond bin-numru tmienja u sittin (68), Triq Fra Diegu, Marsa, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi; u

3. Tikkundannah sabiex fi zmien qasir u perentorju jiżgombra mill-imsemmi fond u jirrilaxxah favur l-esponenti ħieles minn kull xorta ta' okkupazzjoni, u fin-nuqqas li jagħmel dan, li l-esponenti ikunu jistgħu joħorġu l-mandati eżekuttivi opportuni għall-iżgumbrament tiegħu mill-imsemmi fond.

Bl-ispejjeż, u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi kontra l-konvenut, u bil-konvenut minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tallum stess li minnu wara li xehed il-konvenut jirriżulta li l-Qorti ċaħdet it-talba tiegħu biex jikkontesta l-kawża billi jirriżultalha illi dan ma kellux eċċezzjonijiet validi x'jippreżenta.

**Għaldaqstant billi t-talba attriċi tirriżulta, il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għall-fini tat-tielet talba tipprefiġġi terminu ta' xahrejn.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------